MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 491/2005

**Joseph Abela**

***Versus***

**Vincenza Darmanin**

Din hija azzjoni ta’ spoll.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur għandu l-pussess ta’ l-appartament numru sebgħa (7) f’*Hubbard Flats*, blokk numru erbgħa (4), Triq Alexandra, Bormla, billi ilu żmien twil igħix f’dak il-fond. Fl-aħħar xahrejn qabel ma nfetħet il-kawża l-konvenuta qabdet u daħlet toqgħod f’dak il-fond u biddlet is-serratura tal-bieb. Minħabba f’dan l-għemil tal-konvenuta, l-attur spiċċa barra mill-fond li kien ilu jgħix fih għal snin twal u ma għandu ebda aċċess għall-fond fejn għandu ħafna ħwejjeġ mobbli li huma tiegħu.
Dan kollu sar mill-konvenuta bla ma kien jaf l-attur, u mingħajr il-kunsens tiegħu. Il-konvenuta għalhekk għamlet spoll vjolenti u/jew klandestin kontra tiegħu.

L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi din il-qorti:
1. tgħid illi l-konvenuta għamlet spoll kontrieh;
2. tikkundanna lill-konvenuta sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jingħatalha mill-qorti, toħroġ mill-fond fuq imsemmi u titilqu f'idejn l-attur; u
3. jekk il-konvenuta tonqos milli tagħmel dan fiż-żmien li jingħatalha, tagħti lill-attur is-setgħa jagħmel dak ordnat, bi flus il-konvenuta.
Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż tal-kawża.
Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:
1. l-attur qatt ma kellu l-pussess materjali tal-fond;
2. l-attur kien ilu li telaq mill-fond żmien twil, u kien qiegħed joqgħod band'oħra; il-konvenuta ma iddisturbat ebda stat ta' fatt u meta daħlet fil-fond sabitu mitluq u abbandunat;
3. ma huwiex minnu illi l-konvenuta wettqet spoll għax ma daħlitx fil-fond bi vjolenza jew b'mod klandestin iżda biex tinqeda b'jedd mogħti lilha bit-testment ta' ommha; u
4. iċ-ċitazzjoni hija "nulla u bla effett" għax ma saritx talba biex l-attur ikun redintegrat fil-pussess li igħid li kellu qabel l-ispoll.
L-attur xehed illi hu kien joqgħod fil-fond li dwaru saret il-kawża minn meta twieled. Kien joqgħod maz-ziju tiegħu – ħu ommu u ħu l-konvenuta – sa ma dan miet fis-6 ta' Marzu 2005. Fis-7 ta' Mejju 2005 ħareġ u, meta mar biex jidħol lura d-dar, sab illi s-serratura kienet inbidlet u sema' lill-konvenuta minn ġewwa tgħidlu illi hu ma kienx għadu joqgħod hemm. Fl-20 ta' Mejju 2005, imbagħad, fetaħ il-kawża tallum. Ħwejġu għadhom fil-post.
Fil-kontro-eżami l-attur bidel xi ftit il-verżjoni li kien ta. Stqarr illi mhux minnu li kien joqgħod fil-post sa minn meta twieled. Qal illi għamel żmien joqgħod Ħal Għargħur, Marsascala, u post ieħor Bormla stess. Qal ukoll illi, meta żżewweġ, għamel xi żmien joqgħod fil-post li dwaru saret il-kawża ma' martu u maz-ziju, imbagħad kellu jsib post ieħor għax il-mara ġġieldet maz-ziju, u wara xi żmien reġa' mar lura għand iz-ziju, fil-post *de quo*, wara li l-mara ġġieldet miegħu wkoll.
Xehed ukoll rappreżentant ta' l-Uffiċċju Elettorali u qal illi l-persuni reġistrati bl-indirizz fil-fond *de quo* kienu dawn:

- Vincenza Darmanin (il-konvenuta) bejn l-1958 u l-1984, u mbagħad minn Ottubru 2005 sallum;
- Joseph Darmanin (ziju ta' l-attur u ħu l-konvenuta) bejn l-1984 u l-2005, meta miet;
- Joseph Abela (l-attur) bejn l-1998 u l-2002 u minn April 2005 sallum.

Xehdu wkoll il-konvenuta u ħutha, zijiet ta' l-attur, u dawn xehdu illi, għalkemm l-attur kien għamel xi żmien joqgħod fl-appartament *de quo* – li kien id-dar tal-ġenituri tagħhom, nanniet ta' l-attur – kien ilu ħafna snin li telaq minn hemm. Fl-aħħar snin qabel l-2005 fil-post kien joqgħod biss Joseph Darmanin, li jiġi ħuhom u ziju ta' l-attur. Fl-aħħar xhur qabel ma miet Joseph Darmaanin, li miet fis-6 ta' Marzu 2005, l-attur kien ħa xi ħwejjeġ tiegħu – li huma sejħulhom "imbarazz – fil-post u "tefagħhom hemm … … … bl-intenzjoni li jistabbilixxi ruħu hemm".

Wara li miet Joseph Darmanin il-kera tal-post (li hu mikri mingħand il-gvern) dar fuq il-konvenuta u din marret toqgħod hemm. Meta daħlet fil-post bidlet is-serratura u l-ħwejjeġ ta' l-attur qegħdithom f'kamra waħda.

Sar ukoll aċċess fil-fond u l-qorti setgħet tara l-ħwejjeġ li l-attur identifikahom bħala tiegħu stivati f'kaxex f'waħda mill-kmamar.

Wara li qieset sew ix-xiehda mogħtija waqt is-smigħ tal-kawża, il-qorti hija tal-fehma illi aktar tista' toqgħod fuq il-verżjoni tal-konvenuta, aktar u aktar meta tqis illi l-attur ta stampa li tista' tqarraq meta xehed minjeddu u qabel ma sarlu l-kontro-eżami.

Il-qorti temmen illi l-pussess materjali tal-fond kien f'idejn Joseph Darmanin u qatt f'idejn l-attur, għalkemm dan fittex li jieħu vantaġġ mill-istat ta' saħħa ta' Joseph Darmanin meta dan wasal fi tmiem ħajtu, u beda jfittex li jieħu l-post f'idejh. Wara l-mewt ta' Joseph Darmanin il-pussess materjali – wara xi ftit ta' żmien li kien meħtieġ biex il-konvenuta setgħet iġġorr u biex tirregolarizza l-pożizzjoni legali, billi l-appartament jinkera mingħand il-gvern – il-pussess materjali għadda f'idejn il-konvenuta. Meta l-konvenuta bidlet is-serratura kienet biss qiegħda tieħu ħsieb ħwejjiġha u tħarishom minn idejn l-attur, u mhux tagħmel att ta' spoll.

Billi għalhekk jonqsu tnejn mill-elementi meħtieġa – *possedisse* u *spoliatum fuisse* – biex tista' tirnexxi l-azzjoni ta' l-attur, it-talbiet tiegħu ma jistgħux jintlaqgħu.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur u tikkundannah iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------